TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 60

KAZ NRU. 72

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Maurice Vella
u
Messrs Jodic Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 7 ta' Jannar 1980.

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tat-3 t'Ottubru 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Maurice Vella mill-Kumpanija Jodic Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm hames seduti li fihom ghall-kumpanija deher is-Sur Noel Scerri waqt li l-appellant kien assistit mis-Sur Alfred Pullicino.

3. Fli 'statement of case" ghall-appellant, is-Sur Alfred Pullicino issottometta li Maurice Vella kien impjegat mal-Kumpanija Jodic Ltd. ghal madwar sentejn fis-Sawing Department' u li l-impieg tieghu gie terminat fl-l ta' Dicembru, 1978 fuq allegazzjoni li l-produzzjoni tieghu ma kienetx sodisfacenti, izda skond Appendix 'I' (i) tal-Ftehim Kollettiv il-produzzjoni medja ta' haddiem hija ta' 130

/.....

(mija u tletin) djamant kuljum. L-appellant ghal perijodi twal kien ilahhaq hafna aktar minn daqshekk u fil-gurnata stess li gie mkecci kien ghamel produzzjoni ta' 200 (mitejn). Il-'warnings' li nghataw lill-appellant inghatawlu kollha f'perijodu qasir ta' anqas minn 10 (ghaxar) tijiem sewwa sewwa qabel tkecca u tkeccija stess ma saritx skond il-procedura stabbilita mill-Ftehim Kollettiv dwar id-dixxiplina u t-tkeccija u ghalhekk kienet invalida.

4. Is-Sur Noel Scerri ghal Kumpanija ssottometta li l-appellant gie licenzjat mill-impieg mhabba l-kwantita u aktar importanti imhabba l-kwalita tax-xoghol li kien qed jaghmel. L-appellant kien gie moghti diversi 'warnings' kemm bil-fomm u kemm bil-miktub li wahedhom biss kienu jiggustifikaw tkeccija. Dawn il-'warnings' kienu fuq kwalita u kwantita u anki biex ma jkomplix jaghmel hsara fil-propjeta' tal-Kumpanija. Sostna li l-materjal li jigi fdat f'idejn il-haddiema tal-Kumpanija kien materjal prezzjuz (djamanti) u ghalhekk hsarat f'materjal bhal dan ma setax jigi tollerat. Gew esibiti dawn id-dokumenti:-

Kopja ta' rapport tas-'Sawing Superintendent' datat 8 ta' Novembru, 1978;
Kopja ta' 'charge' lill-appellant datat 9 ta' Novembru, 1978.
Kopja ta' rapport tas-'Sawing Superintendent' datat 10 ta' Novembru, 1978.
Kopja ta' ittra ta' l-appellant datata 14 ta' Novembru, 1978
Kopja ta' 'warning' bil-miktub lill-appellant datat 14 ta' Novembru, 1978
Kopja ta' 'charge' lill-appellant datat 16 ta' Novembru, 1978
Kopja ta' ittra lill-appellant (it-tielet warning) datata 21 ta' Novembru, 1978
Kopja ta' 'final warning' lill-appellant datat 27 ta' Novembru, 1978.

/.....

Kopja ta' l-ittra ta' licenzjament lill-appellant datata 1 ta' Dicembru, 1978.

5. Ghall-appellant instemghu dawn ix-xhieda:

L-appellant Maurice Vella minn jeddu, u Joseph Reitano waqt li ghall-Kumpanija nstemghu Martin Pace, Vincent Gatt. Instemghet ukoll ix-xhieda ta' Francis Muscat li gie prodott mit-Tribunal.

6. Xhieda fil-Qosor. L-appellant qal li hu kien jahdem medja ta' 150 kuljum u li fil-gurnata li tkecca kien hadem 200. Ftakar li l-produzzjoni tieghu u ta' l-ohrajn nizlet meta kien gie jghallimhom wiehed Belgjan u ghalhekk intilef iz-zmien. Ma ftakarx li kienu wissewh izda meta inqrawlu xi twissijiet inqas ma ftakar li rcevihom izda ftakar li kien jehodhom id-dar u kienet tirrispondihomlu ohtu. Ftakar ukoll li gie li Charlie Zammit (is-Sawing Superintendent) kien jigbidlu l-attenzjoni fuq xoghol mhux tajjeb izda qal li minn hamsin (50) djamant gieli kien hemm wahda tajba biss, izda ftakar ukoll li kellu xi xoghol hazin.

Joseph Reitano - impjegat mal-Kumpanija qal li hu kien tkecca fid-9 ta' Jannar 1979 ghaliex kien jaghmel ftit production u ta' kwalita hazina u rega' dahal mhux fl-istess xoghol fit-8 ta' Settembru ta' l-1979 ghax kien hemm arrangamenti bejn il-Labour Office u l-Kumpanija bil-patt li jidhol lura 'on probation' u tawh somma 'ex gratia' ta' £200 (mitejn lira maltin). Zied jghid li 'repairs' kien ikollu kulhadd izda l-percentagg ma kienx jafu preciz imma qal li fl-ahhar tax-xahar jew f'kull hmistax il-gurnata kienu jaghtuhom karta fejn jghidulek kemm wiehed dahhal hziena izda mistoqsi jekk wiehed kien ikollu ghoxrin hziena minn mija, dan wiegeb, 'ma nahsibx li tkun sejjer tajjeb. Ftakar li fil-perijodu li kien tkecca hu kienu tkeccew tlieta u d-dipartiment tas-'sawing' kien waqaf ghal xi tlett xhur u li tnejn minn'nies li kienu fuq in-nies illum, kienu jahdmu bhala 'sawers'.

/.....

Martin Pace prodott mill-Kumpanija, qal li ilu jahdem bhala 'sawer' xi sentejn izda meta ghalaq is-'sawing' Department kien gie 'redundant'. Ftakar li fi zmien li kien jahdem anke l-appellant, hu (Martin Pace) kien qala' 'warning' fuq il-kwalita ta' production jigifieri fuq il-percentagg ta' xoghol hazin ghax suppost li taqta' kollox tajjeb u spjega wkoll xi jkun djamant 'reject' u kif wiehed jista' jirrangah. Hu illum xoghol hazin ikollu xi wiehed kull tant u jaqta' medja ta' 220 (mitejn u ghoxrin) kull jum u skond il-Ftehim Kollettiv il-production target kien medja ta' 130 u hu kien jiehu 'bonus' wara li jaqta' 130. Fi zmien li kien hemm l-appellant hu kien ikollu xi sitta jew seba' 'repairs' kulljum ghax dak iz-zmien kien ikollhom xoghol b'hafna 'naats' izda hu kien jaghmel 200 kulljum.

Vincent Gatt - Production Manager mal-Kumpanija qal li fi zmien li kien jahdem l-appellant id-djamanti kienu jigu mmarkati u dawk li kienu jkunu tajba jghaddu ghand is-'sawers' u dawk li ma jinhadmux izommuhom izda seta' jaghti kaz li taqbez xi wahda u spjega kif isir xi xoghol u qal li meta ma jkunx tort tal-haddiem u jkun hemm ingropp dan jittiehed kont tieghu ghall-fini ta' 'production'. Esebixxa zewg tabelli wahda li turi l-produzzjoni u l-kwalita ta' tlieta minn nies, fosthom l-appellant, ghal gimgha numru 48, fis-sena 1978 u tabella ohra ta' tnejn minn nies ghall-istess gimgha fin-1979 - sena wara.

Mill-analisi ta' 1978 fuq tlett haddiema irrizulta li l-appellant kellu l-ghola percentagg ta' xoghol hazin u l-inqas produzzjoni : il-figuri kienu dawn:

| | Total Worked | % Bad Work | Daily Output |
|---|---|---|---|
| * | 949 | 3.9% | 189.8 |
| l-appellant | 695 | 13.80% | 139.0 |
| ** | 1365.5 | 9.26% | 273.0 |

/.....

Dan kien zmien qal ix-xhud meta kienu qeghdin jishqu ghal kwalita ahjar. Bhala produzzjoni l-medja kienet ta' 200 kuljum.

<u>Francis Muscat</u> migjub mit-Tribunal, qal li kien jahdem mal-Kumpanija u spicca f'Gunju 1979 wara sentejn u erba' xhur. Kien jahdem ma l-appellant qabel ma l-Kumpanija tterminatlu l-impieg. Qal li 'repairs' kien ikollu medja ta' 7 kulljum u qal kulhadd kien ikollu - hu kien jahdimhom imma ohrajn kienu jgemmahom ghax kien jirkibhom ix-xoghol u spjega dan il-process tar-'repairs' u qal li gie li kellu izjed minn 7 'repairs' imma dik kienet il-medja. Qal li kulhadd kien itellaghha l-production biex jiehu l-bonus u kulhadd kien ikollu djamanti difettuzi izda, kultant, tiddependi mix-xorti. Qal ukoll li bejn Novembru u Dicembru ta' 1978 kien wasal espert u kien jurihom kif jahdmu u dan ta bil-fors hadilhom ftit zmien u l-produzzjoni xi ftit nizlet.

7. <u>Sottomissjonijiet Finali</u>. Is-Sur Alfred Pullicino ghall-appellant sostna li fit-tkeccija ta' l-appellant il-Kumpanija ma mxietx skond il-procedura tal-Ftehim Kollettiv u dan ma giex ikkontestat mill-parti l-ohra izda zammet halqa maghluq. Is-Sur Pullicino ikkwota x'kien qal it-Tribunal fid-Decizjonijiet tieghu Nru. 40/79 u Nru. 45/79 biex isahhah l-argumenti tieghu u tenna li ghalhekk biss it-tkeccija ta' l-appellant kienet ingusta.

Issottometta wkoll li l-Kumpanija stqarret li l-appellant gie mkecci biss fuq il-kwalita ta' xoghol, izda l-analisi li produciet kien par gun bejn tlett haddiema biss u mhux fuq is-'sewers' kollha u ghaldaqstant wiehed ma setghax jaccerta ruhu li ma kienx hemm diskriminazzjoni ma' l-appellant. Kien hemm xhieda li dak iz-zmien li tkecca l-appellant id-djamanti kienu ta' kwalita' hazina u ghalhekk hadd ma seta' jiggudika l-kwalita ta' produzzjoni

/.....

meta l-'input' kien ta' din il-kwalita'. Fuq kollox f'kull produzzjoni kien hemm margini ta' tolleranza. Fuq kollox l-appellant kien tejjeb il-kwalita' ta' xoghol tieghu sa nizel minn 28 fil-mija mhux tajba ghal 13% f'perijodu ta' gimghatejn. Fil-fehma tieghu, is-Sur Pullicino deherlu li kien hemm diskriminazzjoni serja meta tnejn milli tkeccew dahhluhom b'kundizzjonijiet favorevoli u lill-appellant offrewlu biss l-impieg.

Ghall-Kumpanija, is-Sur Noel Scerri issottometta li l-appellant gie mkecci mhux fuq il-kwantita tal-produzzjoni tieghu imma fuq il-kwalita, fil-fatt kien hemm xhieda illi kien hemm zmien meta l-produzzjoni tieghu kella percentagg gholi hafna ta' hziena, tmienja u ghoxrin fil-mija u wara nizlet ghal 13%. Kien minnu li dan kien ftit progress izda f'gimghatejn ma setghax ghamlu dan il-progress kollu. Dan wera car li qabel kien jaf jahdem ferm ahjar izda ma kienx hemm xewqa li jaghmel dan. Kien hemm tolleranza wkoll ghax fi kwalunkwe xoghol ta' bil-fors ikun hemm tolleranza ghal xoghol hazin izda n-natura tax-xoghol tal-Kumpanija (djamanti) din it-tolleranza ma setghetx qatt tkun gholja daqshekk. L-abilta ta' dan il-haddiem (l-appellant) kienet aktar milli verament kien qed jaghti. Fuq il-kwistjoni tal-'Ftehim Kollettiv' kien minnu li t-target ta' produzzjoni l-appellant kien ilahhqu izda l-appellant tkecca fuq il-kwalita ta' xoghol li kien jaghti u mhux fuq il-kwantita. Minkejja li l-appellant gie offrut jerga' jidhol ghax-xoghol, dan ma accettax ghax ried l-istess trattament ta' haddiehor li lilu ma kienx jimmerita. Hekk jew hekk dak li nghata lill-haddiehor kien gie moghti 'ex gratia'. Fuq il-kwistjoni ta' procedura tad-dixxiplina, sostna, li quddiem it-Tribunal ma harget ebda xhieda li l-Kumpanija ghamlet xi haga hazina. Dan kien kompitu tal-parti l-ohra biex tippruvah.

/.....

8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-Tribunal ma kellu ebda xhieda ta' fejn kien hemm ksur tal-'Ftehim Kollettiv' - kieku kien hemm kien ta' bil-fors jaghti kazu u jaghtih il-piz li jisthoqqlu kif dejjem ta fl-imghoddi. Ghalhekk kellu jiddeciedi fuq dak li sema' rigward il-meritu tal-kaz. It-Tribunal kellu quddiemu ghadd ta' 'warnings' li nghataw lill-appellant fuq il-kwalita tax-xoghol tieghu u fil-fehma anki tal-Kumpanija l-appellant ma kienx nieqes mill-kapacita'. Sema' r-raguni li ghal xi zmien kien hemm 'stones' bin-'naats' u kien ghalhekk li xi xoghol hareg hazin izda jekk dan kien minnu li 'stones' kienu bin-'naats' ghal kulhadd u mhux ghall-appellant biss. L-industrija tad-djamanti minna nifisha hija wahda li ma tistax ikollha margini kbira ta' xoghol hazin u inqas ma tista' tittollera li haddiema jghamlu xoghol hazin biex jilhqu n-numru ta' xoghol stabbilit. Il-haddiem ghandu drittijiet u hadd ma jichadhomlu izda ghandu d-dmirijiet li xogholu jaghmlu u jaghmlu sewwa.

9. Award. It-Tribunal, wara li ezamina l-istqarrija tal-partijiet, ix-xhieda kollha prodotta u s-sottomissjonijiet finali, u wara li ha in konsiderazzjoni ic-cirkustanzi tal-kaz, ma jsibx li l-appellant Maurice Vella rnexxielu juri bil-provi li t-tkeccija tieghu kienet ingusta u ghalhekk ma jistax isib favur l-appellant, u b'hekk jaghlaq din il-kwistjoni tax-xoghol.

(G.A. Craig)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

7 ta' Jannar, 1980.

em